**6 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Rafel Curmi

**Bejgħ ta' Oġġetti bi Prezz Eċċessiv — Assoċjazzjoni — Korreità.**

*Għalkemm wieħed, li jbiegħ oġġetti bi prezz ogħla minn dak fissat mill-liġi, ikun qiegħed ibiegħ oġġetti li fihom tkun imdaħħla persuna oħra li ma tidherx bħala li qegħdha tik-kummerċja, u għalkemm dak il-bejjiegħ ma jkollu ebda liċenza f'ismu biex jikkummerċja, imma jieħu sehmu, sija pure żgħir, mill-profitti, proporzjonat għall-kwantità ta' merkanzija mibjugħa, ma jistgħax jiskrimina ruħu mir-reat ta' bejgħ ta' oġġetti bi prezz eċċessiv. Il-parteċipazzjoni fil-profitti hija, salva prova kuntrarja, indizju ta' assoċjaz-zjoni. Huwa jkun qed jippresta lil dik il-persuna l-oħra ko-operazzjoni diretta u essenzjali, li, dati l-konkors ta' volontà u azzjoni li jirriżulta, iġġib il-korreità tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Rafel Curmi, talli fil-Marsa jew imkejjen oħra, f'dawn ix-xhur, offra għall-bejgħ u biegħ 3000 platti kbar £109.7.6. minflok £92.14.0, u 1500 platti żgħar £48.8.9 minflok £29,3,4 — prezzijiet ogħla minn dawk li huma fissati mill-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Diċembru 1959, li biha sabitu ħati skond l-imputazzjoni u kkundannatu għall-multa ta' £100, u ordnatlu li jirrifondi lil Francisca l-eċċess ta' £35 fi żmien xahar, taħt penali ta' £2 għal kull ġurnata ta' ritard;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatt tal-bejgh bi prezz oghla minn dak fissat mill-liġi ġie assodat bil-provi testimonjali u dokumentali;

In sostanza, id-difiża qeghda ssotni li l-imputat ma kienx dak li kkuntratta n-negozju nfiċjat;

Issa, hu veru li rriżulta li f'dan in-negozju "de quo" hu mdahhal ċertu Debono, li ghal raġunijiet tieghu ma jidherx bhala *li qieghed jikkummerċja, u ghalhekk id-dokumenti* bankarji u doganali jsiru ghan-nom tal-imputat. Hu veru wkoll li l-imputat ma ghandu ebda liċenza f'ismu, kif issa rriżulta fl-appell, la liċenza mill-Gvern u lanqas mill-Kamra tal-Kummerċ. Imma deher ukoll mill-provi li l-imputat jiehu sehem, sija pure żghir, tal-profitti, proporzjonat dan is-sehem ghall-kwantità ta' merkanzija mibjugha, u qieghed jippretendi dan is-sehem anki fuq l-operazzjoni in parola. Il-parteċipazzjoni fil-profitti hija, salva prova kuntrarja, indizju ta' assoċjazzjoni (Pollock, Digest of the Law of Partnership, p. 19). *Mill-kumpless tal-provi* jidher ukoll li l-imputat qed jippresta lil Debono, jew almenu kien qed jippresta lil Debono, fl-epoka rilevanti, kooperazzjoni diretta u essenzjali, li, dato il-konkors ta' volontà u azzjoni, li jirriżulta mill-provi, iġġib il-korreità;

Ghalhekk, l-imputat ma jistax jiskrimina ruhu billi jghid li hu soċju ta' Debono, salv, "si et quatenus", kull dritt ta' regress tal-imputat kontra Debono in sede ċivili;

*Ghal dawn ir-raġunijiet;*

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

It-terminu ta' xahar ghar-restituzzjoni favur il-kumpratur jibda jghaddi mil-lum.